KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.07.2004
KUMM(2004) 477 finali

2004/0156 (COD)

Proposta ta'

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-attwazzjoni tal-fażi kostituttiva u tal-fażi operattiva tal-programm Ewropew għar-radjunavigazzjoni bis-satellita

(preżentata mill-Kummissjoni)

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

**1) GALILEO : programm strateġiku għall-Unjoni Ewropea.**

Il-programm Galileo għandu l-għan li jwaqqaf l-ewwel infrastruttura dinjija ta' radjunavigazzjoni u pożizzjonament bis-satellita speċifikament maħsuba għal użi ċivili. Dan il-programm jippreżenta dimensjoni li hija, fl-istess ħin, teknoloġika, politika u ekonomika. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija u l-partijiet diversi tas-soċjetà tagħna huma interessati fl-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita, li skond kull tbassir, huwa mistenni jikber sew. Is-swieq marbuta ma' din it-teknoloġija qed jikbru bir-rata ta' 25% fis-sena u madwar tliet biljun *receiver* għandhom ikun attivi fis-sena 2020. Il-programm GALILEO waħdu għandu joħloq madwar 100, 000 impjieg.

L-investiment Ewropew f' GALILEO u fit-tħaddim tiegħu jikkontribwixxi wkoll, b'mod sostanzjali, għat-twettiq tal-politika u tal-programm spazjali Ewropew kif deskritti fil-White Paper dwar il-politika spazjali Ewropea tal-ġejjieni[1] u previsti fit-Trattat Kostituzzjonali Ewropew[2].

Ir-radjunavigazzjoni bis-satellita tidħol perfettament fil-qafas tal-politika dwar it-trasport, ippreżentata fil-White Paper[3] tal-Kummissjoni, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport tal-merkanzija, is-sistema tariffarja ta' l-infrastrutturi, u s-sigurtà tat-toroq. Diġà daħlet fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadin Ewropew, kemm fil-karozza u l-mowbajl tiegħu kif ukoll fil-banek u fis-sistemi ta' protezzjoni ċivili li jħarsulu s-sigurtà tiegħu; dan jagħti lill-programm GALILEO dimensjoni oħra li hija indirizzata direttament liċ-ċittadin. Ta' min ukoll wieħed jisħaq fuq id-dimensjoni Ewropea u l-**valur miżjud komunitarju** ta' GALILEO, tant li l-ebda Stat Membru ma ħaseb biex jidħol għal proġett bħal dan waħdu.

Il-Parlament Ewropew dejjem ta l-appoġġ tiegħu għal dan il-proġett. Fir-riżoluzzjoni li adotta nhar id-29 ta' Jannar ta' l-2004, saħaq dwar "l-importanza konsiderevoli li għandu GALILEO għall-iżvilupp ta' l-industrija, it-trasport, it-teknoloġija u l-politika ambjentali ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll għat-twettiq ta' l-għan strateġiku ta' Lisbona li l-Unjoni ssir l-ekonomija l-aktar kompetittiva u dinamika tad-dinja".

Min-naħa tiegħu, il-Kunsill sostna, sa minn Lulju ta' l-1999, li "it-tħaddim ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita għall-użu ċivili se jwassal għal indipendenza akbar f'waħda mill-aktar teknoloġiji ewlenin importanti" u li "l-iżvilupp ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita għall-użu ċivili toffri lill-industrija Ewropea possibbilitajiet għat-tkabbir tal-kompetenzi tagħhom u għal sehem kbira fl-opportunitajiet li qed tiftaħ din it-teknoloġija tal-ġejjieni". Minn dak iż-żmien, il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew saħqu kemm-il darba dwar l-importanza strateġika ta' dan il-programm u talbu lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa kollha għat-twettiq tiegħu.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ukoll ta l-appoġġ tiegħu għal dan il-proġett. Fil-konklużjonijiet tiegħu għar-rapport ta' .... Ġunju 2004 dwar il-progress fil-programm GALILEO, "rega' fakkar fl-importanza strateġika kbira tal-proġett GALILEO għall-Unjoni Ewropea u għall-ġejjieni tal-qasam spazjali tiegħu".

---

1 KUMM (2003) 673 tal-11.11.2003
2 Artikolu III-150
3 KUMM (2001) 370 finali tat-12.9.2001

Dan il-proġett huwa fost il-proġetti kbar ta' infrastruttura msemmija fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ta' l-10 ta' Frar 2004[4], imsemmija « Nibnu l-ġejjieni komuni tagħna - Sfidi politiċi u mezzi finanzjarji ta' l-Unjoni mkabbra 2007-2013". Fl-istess ħin, il-proġett huma meqjus bħala wieħed ta' priorità ewlenija fi ħdan l-inizjattiva ta' tkabbir ekonomiku proposta mill-Kummissjoni u appoġġjata mill-Kunsill Ewropew.

**2) Il-finanzjament tal-fażijiet diversi tal-programm.**

Il-programm huwa maqsum f'dawn l-erba' fażijiet suċċessivi :

- fażi ta' definizzjoni li ħadet mill-1999 sa l-2001, li fiha tfasslet il-binja tas-sistema[5] u ġew determinati s-servizzi offruti ;

- fażi ta' żvilupp u ta' verifika tas-sistema bejn l-2002 u l-2005 li tinkludi l-iżvilupp tas-satelliti u tal-komponenti terrestri ta' din is-sistema, kif ukoll il-verifika fl-orbita;

- fażi kostituttiva bejn l-2006 u l-2007 bil-bini u t-tlugħ fl-orbita tas-satelliti, flimkien mat-tlestija sħiħa tal-parti terrestri ta' l-infrastruttura;

- fażi operattiva li tibda fl-2008 u li tinvolvi t-tmexxija tas-sistema flimkien mal-manutenzjoni u l-perfezjonament kostanti tagħha.

Il-fażijiet tad-definizzjoni u ta' l-iżvilupp huma l-partijiet tal-programm iddedikati għar-riċerka. Għat-twettiq tal-fażi ta' l-iżvilupp tal-programm, twaqqfet impriża komuni "GALILEO" bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2002[6]. Fl-istess ħin, wara t-twaqqif tiegħu, il-programm GALILEO ġie ffinanzjat b'mod sinifikanti mill-baġit Komunitarju. Il-fażi ta' definizzjoni ġiet prinċipalment iffinanzjata mill-ħames Programm ta' Qafas ta' Riċerka u Żvilupp (PQRŻ). Is-sehem finanzjarju Komunitarju żdied bil-fażi ta' żvilupp u ta' verifika għall-ammont ta' 550 miljun euro, maħruġa mill-baġit tan-netwerks transewropej. Ma' dan l-ammont jiżdied ukoll investiment indaqs min-naħa ta' l-Istati Membri ta' l-Aġenzija Spazjali Ewropea, li huma fil-biċċa l-kbira Stati Membri tal-Komunità Ewropea. Is-sitt PQRŻ daħal ukoll f'din il-fażi b'kontribut ta' 100 miljun euro.

Sabiex ikun hemm garanzija li l-programm ikompli, il-Kummissjoni għandha tiggarantixxi l-finanzjament tal-fażi kostituttiva u tal-fażi operattiva li se timplika, b'mod partikolari, kontribut Komunitarju.

Il-**fażi operattiva** hija stmata li se tiswa mal-2.1 biljun euro li, fil-biċċa l-kbira, se jiġu mis-settur privat. Fil-fatt, għal bosta drabi mill-2001 'l hawn, il-Kunsill saħaq dwar il-fatt li s-settur privat kellu jieħu sehem b'mod konsistenti fil-finanzjament ta' dan il-proġett[7]. Fil-konklużjonijiet adottati waqt il-laqgħa tal-25 u s-26 ta' Marzu, ġie deċiż li "jsir mezz sabiex ikun garantit tqassim tan-nefqa sa terz tal-massimu għal fuq il-baġit Komunitarju u għallinqas żewġ terzi fuq is-settur privat " għall-finanzjament tal-fażi kostituttiva. Fuq din il-bażi, is-settur privat għandu jikkontribwixxi madwar 1.4 biljun euro, filwaqt li s-700 miljun euro li jkun baqa' se jiġu ffinanzjati mis-settur pubbliku. B'hekk, jekk jitqiesu l-finanzjamenti diġà

4 KUMM (2001) 101 finali

5 B'"sistema GALILEO", nfhmu infrastruttura magħmula mis-satelliti tal-kostellazzjoni u mill-istazzjonijiet fuq l-art marbuta mat-tħaddim ta' din is-sistema..

6 Regolament tal-Kunsill KE 876/2002 tal-21 ta' Mejju 2002

7 Cfr. preambolu 13 tar-Regolament KE 876/2002

previsti mill-estimi attwali, l-ammont tal-finanzjament tal-fażi kostituttiva ggarantit mill-baġit komunitarju fid-dawl ta' l-estimi l-ġodda għandu jkun ta' [500] miljun euro.

Il-finanzjament tal-**fażi operattiva**, li se tibda fl-2008, se jkun iggarantit mis-settur privat. Madankollu, minħabba n-natura partikolari tas-suq tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u tal-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tagħha, kif ukoll minħabba l-ħtieġa li dawn is-servizzi jkunu disponibbli fl-interess tas-settur pubbliku, jinħtieġ li tinħareġ parti ta' finanzjamenti pubbliċi eċċezzjonali waqt l-ewwel snin tal-fażi operattiva. Fil-konklużjonijiet adottati waqt il-laqgħa tal-25 u s-26 ta' Marzu 2002 u dik tat-8 u d-9 ta' Marzu 2004, il-Kunsill kien ippreveda b'mod espliċitu l-intervent tal-fondi Komunitarji għall-finanzjament tal-fażi operattiva. L-ammont eżatt se jsir magħruf biss fi tmiem in-negozjati għall-kuntratt ta' l-aġenzija[8], li se jseħħu fl-2005. Madankollu, fid-dawl tar-riżultati ta' l-istudju PricewaterhouseCoopers ta' l-2001 u partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mar-rabta bejn kemm se jiswa l-proġett u l-benefiċċji tiegħu, huwa raġjonevoli li jiġi previst ammont ta' [500] miljun euro fl-estimi finanzjarji l-ġodda.

**3) L-iskema istituzzjonali tal-fażi kostituttiva u tal-fażi operattiva.**

L-iskema istituzzjonali adottata għall-fażi kostituttiva u l-fażi operattiva hija differenti ħafna minn dik għall-fażi ta' żvilupp. Waqt dawn iż-żewġ fażijiet, il-bini u mbagħad it-tmexxija tas-sistema se jkun f'idejn aġent privat taħt il-kontroll ta' l-awtorità ta' sorveljanza, li hija aġenzija Komunitarja li se jkollha r-rwol ta' l-awtorità li toħroġ il-konċessjoni għall-aġenzija. Is-soluzzjoni ta' l-aġenzija tidher, fil-fatt, bħala l-aħjar waħda sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-programm fi ħdan *partnership* pubblika-privata.

L-awtorità ta' sorveljanza nħolqot mir-Regolament tal-Kunsill Nru ___ /2004 ta' ___ 2004 dwar l-istrutturi ta' tmexxija tal-programm Ewropew għar-radjunavigazzjoni bis-satellita. Se titwaqqaf fl-ewwel nofs ta' l-2005, u għandha l-għan li tiżgura t-tmexxija ta' l-interessi pubbliċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-programm Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jkollha r-rwol ta' l-awtorità konċedenti fil-konfront ta' l-aġent futur. Fost il-ħidmiet ta' l-awtorità ta' sorveljanza hemm it-tmexxija tal-fondi pubbliċi maħsuba għall-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, kif ukoll il-kontroll tat-tmexxija finanzjarja ta' dawn il-programmi bil-għan li jiġi ottimizzat l-użu tal-fondi pubbliċi. Barra minn hekk, l-awtorità ta' sorveljanza se tesegwixxi l-ħidmiet baġitarji li se jingħatawlha mill-Kummissjoni b'konformità ma' l-Artikolu 54 (2), b) tar-Regolament (KE, Euratom) nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi r-regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Komunità Ewropea. **Il-ħolqien ta' awtorità ta' sorveljanza u t-tmexxija, min-naħa tagħha, tal-fondi maħsuba għall-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, jikkostitwixxu forma ta' esternalizzazzjoni li tidħol fil-politika adottata mill-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni tal-modalitajiet ta' tmexxija.**

Ta' min wieħed jisħaq fuq il-fatt li, sabiex l-awtorità ta' sorveljanza tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha, il-kunsill ta' l-amministrazzjoni tagħha, magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni, rċieva setgħat wiesgħa sabiex ifassal il-baġit, jikkontrolla l-esekuzzjoni tiegħu, jadotta l-miżuri finanzjari meħtieġa u jwaqqaf proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkunu trasparenti. Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' l-awtorità ta' sorveljanza huma soġġetti għall-kontroll tal-Qorti ta' l-Awdituri.

8 Kif previst mill-Artikolu ta' l-Istatut ta' l-Intrapriża Komuni GALILEO

L-aġent privat huwa nnominat wara sejħa għall-offerti li titmexxa mill-intrapriża komuni GALILEO. Il-kuntratt ta' aġenzija se jiġi ffirmat fl-2005. Konformi għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru __/2003, is-sistema se tkun il-proprjetà ta' l-awtorità ta' sorveljanza u tibqa' għal kollox pubblika: huma biss il-bini u t-tmexxija li se jingħataw lill-aġent għal perjodu limitat.

**4) Il-modalitajiet tal-finanzjament pubbliku għall-fażi kostituttiva u għall-fażi operattiva.**

Jirriżulta, minn dak li ntqal fuq, illi jeħtieġ li tiġi prevista għall-baġit Komunitarju somma ta' [biljun] euro għall-finanzjament tal-fażi kostituttiva u l-fażi operattiva ta' GALILEO waqt il-perjodu bejn l-2007 u l-2013. Din is-somma se tinħareġ mill-awtorità ta' sorveljanza li se tużaha fi qbil mad-dispożizzjonijiet imsemmija fuq tar-Regolament Nru.__/2004. Din is-somma m'għandhiex tiġi allokata fil-linja tal-baġit tar-riċerka jew dik tan-networks trans-Ewropej tat-trasport, iżda għal linja speċifika maħluqa għall-fażijiet kostituttivi u operattivi tal-programm GALILEO , minħabba li :

- il-programm wasal f'fażi ta' maturità avvanzata u mar sew lil hinn mill-politika settorjali mħaddna mill-Kummissjoni, l-aktar fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasport, it-telekomunikazzjoni eċċ. Huwa wkoll twettiq ewlieni tal-programm spazjali Ewropew tal-ġejieni, kif ukoll jisemma' wkoll fil-*White Paper* dwar il-politika spazjali Ewropea ;

- id-dimensjonijiet ta' l-azzjonijiet meħuda timponi obbligi ta' trasparenza u ta' baġit rigoruż, kif ukoll kontroll mirqum u skrupluż tal-programm;

- huwa xieraq li l-iskema istituzzjonali u l-qafas finanzjarju jkunu ċari, koerenti u mhux ekwivoċi għall-aġent tas-sistema li l-Kummissjoni, min-naħa tagħha, timponilu esiġenzi simili ta' trasparenza u solidità.

Huwa xieraq li ssir insistenza fuq il-fatt illi l-finanzjament tal-programm GALILEO min-naħa tal-baġit Komunitarju se jkun limitat fiż-żmien u d-dħul kummerċjali ġġenerat mit-tħaddim tas-sistema għandu jassigura, fl-aħħar mill-aħħar, l-ekwilibriju finanzjarju. Dan id-dħul għandu wkoll ikun biżżejjed sabiex jippermetti l-perfezzjonament u t-tiġdid tas-sistema. Għal dan il-għan, minbarra l-fondi li ġejjin mill-baġit Komunitarju, il-pjan ta' finanzjament tal-fażi kostituttiva u tal-fażi operattiva jinkludu tliet riżorsi oħra li ġew identifikati u deskritii mill-konzorzji kandidati għall-aġenzija.

L-ewwelnett, l-aġent se jkollu d-dħul tiegħu permezz ta' għoti tas-servizzi differenti ġġenerati mis-sistema GALILEO.

It-tieninett, l-aġent se jgawdi wkoll mil-liċenzji u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fuq il-komponenti tas-sistema minħabba li jkun irċieva l-użufrutt min-naħa ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza fl-ambitu tal-kuntratt ta' l-aġenzija.

It-tieletnett, il-Bank ta' l-Investiment Ewropew stqarr li jaqbel mal-ħruġ tas-self. Minħabba f'hekk, hija issa magħrufa sew l-importanza li jingħata self b'terminu twil flimkien ma' perjodu ta' proroga li jippermetti l-ħlas lura tas-self mill-waqt meta s-sistema tkun bdiet tiġġenera attività kummerċjali xierqa.

Minħabba wkoll li dawn huma fondi pubbliċi, ta' min wieħed ifakkar li bosta pajjiżi terzi, l-aktar iċ-Ċina, l-Iżrael u l-Indja, ipprevedew li jieħdu sehem fil-programm b'mod finanzjarju fl-ambitu tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni.

**5) Konklużjonijiet**

Il-programm GALILEO wasal f'fażi ta' maturità avvanzata u mar sew lil hinn minn sempliċi proġett ta' riċerka. Huwa xieraq li l-programm GALILEO jissejjes fuq strument legali speċifiku li jista' jaqdi l-ħtiġijiet tiegħu aktar u jiggarantixxi t-tmexxija finanzjarja korretta mitluba. Regolament komunitarju huwa konsegwenza meħtieġa sabiex jippermetti l-attwazzjoni tal-fażi kostituttiva u tal-fażi operattiva tal-programm skond il-modalitajiet mniżżla fuq.

2004/0156 (COD)

Proposta ta'

**REGOLAMENT (KE) Nru ...../.... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-attwazzjoni tal-fażi kostituttiva u tal-fażi operattiva tal-programm Ewropew għar-radjunavigazzjoni bis-satellita**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 156 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[9],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [10],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[11],

Wara li ddeliberaw konformi mal-proċedura prevista fl-Artikolu 251 tat-Trattat[12],

Billi:

(1) Il-programm GALILEO għandu l-għan li jwaqqaf l-ewwel infrastruttura dinjija ta' radjunavigazzjoni u pożizzjonament bis-satellita maħsuba speċifikament għall-użu ċivili.

(2) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dejjem taw l-appoġġ tagħhom għall-programm Galileo.

(3) Il-programm Galileo jikkonċerna teknoloġija maħsuba biex ittejjeb ħajjet iċ-ċittadini Ewropej f'għadd kbir ta' oqsma. B' mod partikolari, jidħol perfettament fil-qafas tal-politika dwar it-trasport, ippreżentata fil-*White Paper*[13] tal-Kummissjoni, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport tal-merkanzija, is-sistema tariffarja ta' l-infrastrutturi, u s-sigurtà tat-toroq.

(4) Dan il-programm huwa wieħed mill-proġetti prioritarji individwati fl-ambitu ta' l-inizjattiva ta' tkabbir ekonomiku proposta mill-Kummissjoni u appoġġjata mill-Kunsill Ewropew. Huwa wkoll twettiq ewlieni tal-programm spazjali Ewropew tal-ġejieni, kif ukoll jisemma' wkoll fil-*White Paper* dwar il-politika spazjali Ewropea.[14].

---

9 ĠU C .. ta' ..., p. ...
10 ĠU C .. ta' ..., p. ...
11 ĠU C .. ta' ..., p. ...
12 ĠU C .. ta' ..., p. ...
13 COM (2001) 370 finali tat-12.9.2001
14 COM (2003) 673 finali tal-11.11.2003

(5) Il-programm Galileo jikkonsisti f'fażi ta' definizzjoni, fażi ta' żvilupp, fażi kostituttiva u fażi operattiva.

(6) Il-fażijiet tad-definizzjoni u ta' l-iżvilupp, li huma l-parti tal-programm iddedikata għar-riċerka, ġew iffinanzjati b'mod sinifikattiv mill-baġit Komunitarj tan-netwerks trans-Ewropej.

(7) Ir-Regolament (KE) nru 2236/95 tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 1995 li jistipola r-regoli ġenerali għall-għoti ta' kontribut finanzjarju fi qasam tan-netwerks trans-Ewropej [15] stabbilixxa r-regoli applikabbli għall-kontribut finanzjarju Komunitarju fil-każ ta' proġetti Komunitarji marbuta mas-sistemi ta' pożizzjonament u ta' navigazzjoin bis-satellita.

(8) Għall-attwazzjoni tal-fażi ta' żvilupp tal-programm Galileo, ir-Regolament (KE) nru 876/2002 tal-Kunsill[16] ħoloq l-intrapriża komuni Galileo.

(9) Sabiex tkun żgurata t-tkomplija ta' dan il-programm, jeħtieġ jiġi assigurat il-finanzjament għall-fażijiet ta' twettiq u ta' tħaddim.

(10) Akkont tar-rieda espressa mill-Kunsill li jiġi limitat sa terz il-finanzjament għall-fażi kostituttiva u tal-finanzjamenti previsti fl-estimi finazjarji attwali, l-ammont tal-finanzjament tal-fażi kostituttiva sostnut mill-baħit Komunitarju fil-qafas ta' l-estimi finanzjarji l-ġodda se jkun ta' [500] miljun euro.

(11) Minħabba n-natura partikolari tas-suq tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u tal-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi marbuta magħha, kif ukoll minħabba l-ħtieġa li jiġi garantit li dawn is-servizzi jkunu disponibbli fl-interess tas-settur pubbliku, se jkollha, fl-ewwel snin ta' tħaddim, tiġi ggarantita kwota eċċezzjonali ta' finanzjamenti pubbliċi. Il-Kunsill espliċitament ippreveda l-użu tal-fondi Komunitarji għall-finanzjament ta' din il-fażi fil-konklużjonijiet li adotta, rispettivament, fil-25 u s-26 ta' Marzu 2002 u fit-8 u d-9 ta' Marzu 2004. L-ammont previst tal-finanzjament Komunitarju mitlub huwa ta' madwar [500] miljun Euro.

(12) Huwa għalhekk xieraq li tiġi prevista somma ta' [biljun] euro fil-baġit Komunitarju għall-finanzjament tal-fażijiet ta' twettiq u ta' tħaddim ta' GALILEO tul il-perjodu bejn l-2007 u l-2013.

(13) Tul il-fażijiet ta' twettiq u ta' tħaddim, it-tfassil, u mbagħad it-tmexxija tas-sistema se jkun fdati f'idejn aġent privat li jkun iwieġeb għall-awtorità ta' sorveljanza maħluq mir-Regolament tal-Kunsill (KE) nru ___/2004 ta' ___ 2004.

(14) Fost il-ħidmiet ta' l-awtorità ta' sorveljanza hemm it-tmexxija tal-fondi pubbliċi maħsuba għall-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, kif ukoll il-kontroll tat-tmexxija finanzjarja ta' dawn il-programmi bil-għan li jiġi ottimizzat l-użu tal-fondi pubbliċi. Barra minn hekk, l-awtorità ta' sorveljanza tesegwixxi l-ħidmiet baġitarji li se jingħatawlha mill-Kummissjoni konformi ma' l-Artikolu 54 (2), b) tar-

---

15 ĠU L 224 tat-23.09.1995, p.1, emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 807/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 143 tat-30.4.2004, p. 46).

16 ĠU L 138 tat-28.05.2002, p. 1

Regolament (KE, Euratom) nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixx r-regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Komunità Ewropea[17].

(15) Billi l-programm GALILEO wasal fi stadju ta' maturità avvanzata li jmur lil hinn mill-qafas ta' programm sempliċi ta' riċerka, huwa xieraq li l-programm GALILEO jissejjes fuq strument legali speċifiku li aktar jista' jaqdi l-ħtiġijiet tiegħu u jiggarantixxi it-tmexxija finanzjarja korretta mitluba.

(16) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għall-fażi ta' twettiq u ta' tħaddim tal-programm, allokazzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi r-riferenza privileġġjata għall-awtorità baġitarja, skond il-punt 33 tal-ftehim interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-attwazzjoni tal-fażi kostituttiva u tal-fażi operattiva tal-programm Ewropew għar-radjunavigazzjoni bis-satellita GALILEO, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm".

*Artikolu 2*

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-programm minn dan ir-Regolament qed tingħata bil-għan tal-kofinanzjament ta':

a) attivitajiet marbuta mal-fażi kostituttiva, li tinvolvi l-bini u t-tlugħ fl-orbita tas-satelliti, flimkien mat-tlestija sħiħa tal-parti terrestri ta' l-infrastruttura ;

b) l-ewwel sensiela ta' attivitajiet marbuta mat-tnedija tal-fażi operattiva, li tinvolvi l-bini t-tmexxija ta' l-infrastruttura magħmula minn satelliti u stazzjonijiet terrestri meħtieġa għat-tħaddim ta' l-infrastruttura, kif ukoll il-manutenzjoni u l-perfezzjonament kostanti tas-sistema.

*Artikolu 3*

L-ammont finanzjarju meħtieġ għat-twettiq ta' l-azzjonijiet previsti fl-Artikolu 2 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 20013 huwa ta' [biljun €].

Il-krediti annwali huma awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limitu ta' l-estimi finanzjarji.

---

17 ĠU L 248 tas-16.9.2002, p. 1

*Artikolu 4*

L-awtorità ta' sorveljanza GALILEO tiżgura, konformi ma' l-Artikolu 54 (2), b) tar-Regolament (KE, Euratom) nru 1605/2002 u mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru..../2004, it-tmexxija u l-kontroll ta' l-użu tal-fondi tal-kontribuzzjoni Komunitarja maħsuba għall-programm Ewropew ta' radjunavigazzjoni bis-satellita.

Il-krediti operattivi meħtieġa għall-finanzjament tal-kontribuzzjoni Komunitarja huma disponibbli għall-awtorità ta' sorveljanza GALILEO, permezz ta' ftehim (konvenzjoni), fi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2e) tar-Regolament (KE) Nru __/2004.

L-ammont ta' kull konvenzjoni annwali disponibbli huwa determinat fuq il-bażi ta' programm ta' ħidma ta' l-awtorità ta' sorveljanza approvata mill-kunsill ta'l-amministrazzjoni tiegħu, konformi għall-proċedura prevista mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru __/2004.

Il-konvenzjoni tistipula partikolarment il-kundizzjonijiet ġenerali għat-tmexxija tal-fondi fdati f'idejn l-awtorità ta' sorveljanza.

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni tissorvelja bil-għan li, fil-mument tat-twettiq ta' l-azzjonijiet iffinanzjati minn dan ir-Regolament mill-awtorità ta' sorveljanza, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità bis-saħħa ta' l-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u l-attivitajiet illegali l-oħra, it-twettiq ta' kontrolli effettivi u l-irkupru ta' ammonti mħallsa mhux kif xieraq, kif ukoll, fil-każ ta' irregolaritajiet eventwali, bis-saħħa ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u disswasivi, fi qbil mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 tal-Kunsill[18], ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal- Conseil[19] u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament u tal-Kunsill[20].

Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati minn dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità previst fl-Artikolu 1 (2) tar-Regolament (KE, Euratom), Nru 29988/95 huwa mifhum bħala kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew ta' obbligu kuntrattwali li jkun jirriżulta minn azzjoni jew ommissjon ta' entità legali li setgħet kellha jew jista' jkollha preġudizzju fuq il-baġit ġenerali tal-Komunità Ewropea u jew fuq il-baġits mmexxija minnha, minħabba f' nefqa li saret b'mod mhux xieraq.

Il-kuntratti u l-konvenzjonijiet [kif ukoll il-ftehimiet mal-pajjiżi terzi li qed jieħdu sehem] stipulati fid-dawl ta' dan ir-Regolament jipprevedu, b'mod partikolari, monitoraġġ u kontroll finanzjarju min-naħa ta' l-awtorità ta' sorveljanza u tal-Kummissjoni jew rappreżentant awtorizzat minnha, u verifika tal-Qorti ta' l-Awdituri, jekk meħtieġ in loco.

---

18 ĠU L 312 tat-23.12.1995, p. 1
19 ĠU L 292 tal-15.11.1996, p. 2
20 ĠU L 136 tal-31.5.1999, p. 1

*Artikolu 6*

Il-Kummissjoni tiżgura t-twettiq ta' dan ir-Regolament u tgħarraf perjodikament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffċijali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, [...]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# FICHE FINANCIÈRE LÉGISLATIVE

**Domaine(s) politique(s): Promoting the competitiveness, security and environmental sustainability of EU networks**

**Activité(s): Phase de déploiement et d'exploitation du programme GALILEO**

**DÉNOMINATION DE L'ACTION: PROPOSITION DE RÉGLEMENT DU CONSEIL RELATIF A LA MISE EN ŒUVRE DES PHASES DE DEPLOIEMENT ET D'EXPLOITATION DU PROGRAMME EUROPÉEN DE RADIONAVIGATION PAR SATELLITE**

## 1. LIGNE(S) BUDGÉTAIRE(S) + INTITULÉ(S)

Ligne Budgétaire spécifique au programme Galileo

## 2. DONNÉES CHIFFRÉES GLOBALES

### 2.1 Enveloppe totale de l'action (partie B): 1.000 millions d'euros en CE

La décision de l'autorité législative est sans préjudice aux décisions budgétaires prises dans le contexte de la procédure annuelle.

### 2.2 Période d'application:

2007-2013

### 2.3 Estimation globale pluriannuelle des dépenses:

a) Échéancier crédits d'engagement/crédits de paiement (intervention financière) *(cf. point 6.1.1)*

Millions d'euros (*à la 3e décimale)*

| | Année 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 - 2013 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | (Phase de déploiement[21]) | *(Phase d'exploitatio[22]n)* | | | | | |
| Crédits d'engagement | 500 | 200 | 150 | 100 | 50 | | 1.000 |
| Crédits de paiement | 500 | 200 | 150 | 100 | 50 | | 1.000 |

b) Assistance technique et administrative (ATA) et dépenses d'appui (DDA) *(cf. point 6.1.2)*

*Non applicable*

---

21 Compte tenu des financements déjà prévus par les actuelles perspectives financières (130 millions d'euro), le montant du financement de la phase de déploiement supporté par le budget communautaire dans le cadre des nouvelles perspectives financières devrait s'élever à [500] millions d'euros

22 La ventilation annuelle de la contribution communautaire est indicative et sera conditionnée aux résultats des négociations sur le contrat de concession, qui se poursuivront en 2005

c) Incidence financière globale des ressources humaines et autres dépenses de fonctionnement
*(cf. points 7.2 et 7.3)*

*Non applicable*

**2.4 Compatibilité avec la programmation financière et les perspectives financières**

[x] Proposition compatible avec la Communication de la Commission concernant 2007-2013 du 10 février 2004 (COM (2004) 101).

**2.5 Incidence financière sur les recettes**

[x] Aucune implication financière (concerne des aspects techniques relatifs à la mise en œuvre d'une mesure).

## 3. CARACTÉRISTIQUES BUDGÉTAIRES

| **Nature de la dépense** | | **Nouvelle** | **Participation AELE** | **Participation pays candidats** | **Rubrique PF** |
|---|---|---|---|---|---|
| DNO | CD | OUI | NON | NON | **N°** [(1a) compétitivité pour la croissance et la cohésion] |

## 4. BASE JURIDIQUE

Article 156 du traité instituant la Communauté européenne.

## 5. DESCRIPTION ET JUSTIFICATION

### 5.1 Nécessité d'une intervention communautaire[23]

*5.1.1 Objectifs poursuivis*

Le programme GALILEO vise à mettre en place la première infrastructure mondiale de radionavigation et de positionnement par satellite spécifiquement conçue à des fins civiles. Il présente une dimension à la fois technologique, politique et économique. Dès aujourd'hui, la radionavigation par satellite est entrée dans la vie quotidienne du citoyen européen ce qui confère au programme GALILEO une dimension « citoyenne » supplémentaire.

Il importe aussi de souligner la dimension européenne et la **valeur ajoutée communautaire** de GALILEO, aucun Etat membre n'ayant souhaité développer seul un tel projet.

[23] Pour plus d'informations, voir le document d'orientation déparé

Dans ce contexte, le Conseil a considéré dès juillet 1999 que « la mise en place d'un système de navigation par satellite à usage civil permettra de parvenir à une indépendance accrue dans une des technologies clés les plus importantes » et que « la mise au point d'un système de navigation par satellite à usage civil offre à l'industrie européenne des possibilités d'accroître sa compétence et de tirer profit sur une grande échelle des possibilités qu'ouvre cette technologie d'avenir ». Depuis lors, le Conseil et le Conseil européen ont souligné à maintes reprises l'importance stratégique de ce programme et ont demandé à la Commission de prendre toutes les mesures nécessaires afin de le mettre en œuvre.

Les phases de définition et de développement constituent la partie du programme consacrée à la recherche. Aussi, depuis son origine, le programme GALILEO a-t-il été financé de façon significative par le budget communautaire. La participation financière communautaire s'est accrue avec la phase de développement et de validation, pour laquelle elle s'élève à 550 millions d'euros, prélevés sur le budget des réseaux transeuropéens.

Afin d'assurer la poursuite du programme, la Commission doit veiller au financement des phases de déploiement et d'exploitation, qui comprendra notamment une contribution communautaire.

La contribution communautaire allouée au programme Galileo par le présent règlement est octroyée dans le but de co-financer :

- des activités liées à la phase de déploiement, qui comprend la construction et le lancement des satellites ainsi que la mise en place complète de l'infrastructure terrestre;

- la première série des activités liées au lancement de la phase d'exploitation, qui comprend la gestion de l'infrastructure composée des satellites et des stations terrestre associées à son fonctionnement, ainsi que l'entretien et le perfectionnement constant de ce système.

*5.1.2 Dispositions prises relevant de l'évaluation ex ante :*

Pendant la phase de définition du programme, plusieurs études ont été menées à bien. Elles portaient notamment sur le coût des différentes phases du programme, la viabilité du projet ainsi que sur la contribution financière du secteur public. En outre, faisant suite à une demande du Conseil, la Commission a fait appel à un consultant indépendant, le cabinet PricewaterhouseCoopers, pour effectuer une analyse du projet comportant, entre autres, le calcul du ratio bénéfice/coût et une proposition sur la structure la plus adéquate pour associer le secteur privé. En mars 2002 et en mars 2004, sur la base en particulier de ces différentes études, le Conseil a adopté des conclusions prévoyant explicitement une intervention des fonds communautaires pour financer les phases de déploiement et d'exploitation.

Le coût de la **phase de déploiement** est estimé à 2,1 milliards d'euros. Il devrait être en grande partie supporté par le secteur privé. En effet, à diverses reprises depuis 2001, le Conseil a souligné que le secteur privé devait participer substantiellement au financement du projet. Plus précisément, dans les conclusions qu'il a adoptées lors de sa réunion des 25 et 26 mars 2002, il a convenu, pour le financement de la phase de déploiement, « de s'efforcer de garantir une répartition selon laquelle un tiers au maximum provienne du budget communautaire et deux tiers au minimum du secteur privé ». Sur cette base, le secteur privé devrait prendre en charge au moins 1,4 milliards d'euros et le reste, soit quelque 700 millions d'euros, serait financé par le secteur public. En conséquence, compte tenu des financements déjà prévus par les actuelles perspectives financières, le montant du financement de la phase

de déploiement supporté par le budget communautaire dans le cadre des nouvelles perspectives financières devrait s'élever à [500] millions d'euros.

Le financement de la **phase d'exploitation**, qui débutera en 2008, sera assuré par le secteur privé. Néanmoins, compte tenu de la nature particulière du marché de la radionavigation par satellite et de la commercialisation de ses services ainsi que de la garantie de mise à disposition de ceux-ci dans l'intérêt du secteur public, il sera nécessaire d'apporter une part de financements publics exceptionnels pendant les premières années de la phase d'exploitation. Dans les conclusions qu'il a adoptées lors de sa réunion des 25 et 26 mars 2002 ainsi que lors de sa réunion des 8 et 9 mars 2004, le Conseil a d'ailleurs explicitement prévu l'intervention de fonds communautaires pour le financement de la phase d'exploitation. Le montant exact de la contribution communautaire ne sera connu qu'à l'issue des négociations sur le contrat de concession, qui se poursuivront en 2005. Toutefois, à la lumière des résultats de l'étude PricewaterhouseCoopers(http://europa.eu.int/comm/dgs/energy_transport/galileo/documents/technical_en.htm) effectuée en 2001 et portant en particulier sur le ratio coûts/bénéfices du projet, il est raisonnable de prévoir à ce titre une somme d'un montant de [500] millions d'euros dans les nouvelles perspectives financières.

Sur le schéma institutionnel il convient à signaler que pendant ces deux phases la construction, puis la gestion du système seront confiées à un concessionnaire privé placé sous le contrôle de **l'Autorité de Surveillance**, agence communautaire qui jouera le rôle d'autorité concédante. La solution de la concession est, en effet, apparue comme la plus appropriée pour assurer le succès du programme dans le cadre d'un partenariat public privé.

Pendant les phases de déploiement et d'exploitation, l'Autorité de Surveillance surveillera en particulier les activités du concessionnaire et vérifiera qu'elles correspondent aux spécifications du contrat et du cahier des charges.

GALILEO étant un service public mondial, le nombre de récepteurs en service dans le monde constituera, à moyen et long terme, l'un des principaux indicateurs de la réussite du programme et du bon emploi des fonds communautaires.

### 5.2 Actions envisagées et modalités de l'intervention budgétaire

La contribution communautaire allouée au programme Galileo par le présent règlement est octroyée dans le but de co-financer :

- des activités liées à la phase de déploiement, qui comprend la construction et le lancement des satellites ainsi que la mise en place complète de l'infrastructure terrestre;

- la première série des activités liées au lancement de la phase d'exploitation, qui comprend la gestion de l'infrastructure composée des satellites et des stations terrestre associées à son fonctionnement, ainsi que l'entretien et le perfectionnement constant de ce système.

Il résulte de ce qui précède qu'il convient de prévoir à la charge du budget communautaire une somme **d'[un milliard] d'euros** pour le financement des phases de déploiement et d'exploitation de GALILEO pendant la période s'étendant de 2007 à 2013. Cette somme sera versée à l'Autorité de Surveillance qui en fera usage conformément aux dispositions précitées du règlement n° ___/2004.

La ligne budgétaire sur laquelle sera imputée cette somme ne saurait être celle du budget de la recherche ou celle des réseaux transeuropéens des transports, mais une ligne particulière créée pour les phases de déploiement et d'exploitation du programme GALILEO, dès lors que :

– le programme est maintenant parvenu à maturité et a pris une dimension qui s'étend bien au-delà des politiques sectorielles poursuivies par la Commission, notamment en matière de recherche et d'innovation, de transports, de télécommunications, etc ;

– la taille des actions couvertes impose des obligations de transparence et de rigueur budgétaire ainsi qu'un suivi scrupuleux du programme ;

– il importe que le schéma institutionnel et le cadre budgétaire apparaissent clairs, cohérents et sans équivoques vis à vis du concessionnaire du système, à qui la Communauté impose de son côté des exigences de transparence et de solidité comparables.

Il convient d'insister sur le fait que le financement du programme GALILEO par le budget communautaire sera limité dans le temps, les revenus commerciaux générés par l'exploitation du système devant à terme en assurer l'équilibre financier. Ils devraient même être suffisants pour assurer le perfectionnement et le renouvellement du système. A cet égard, outre les fonds provenant du budget communautaire, le plan de financement des phases de déploiement et d'exploitation comprend trois autres ressources qui ont été identifiées et décrites par les consortia candidats à la concession.

En premier lieu, le concessionnaire du système se rétribuera par la fourniture des différents services générés par le système GALILEO.

En second lieu, le concessionnaire tirera également partie des licences et des droits de propriété intellectuelle sur les composants du système, dont la jouissance lui aura été gratuitement concédée par l'Autorité de Surveillance.

En troisième lieu, la Banque Européenne d'Investissement s'est déclarée favorable à l'octroi de prêts. A cet égard, l'importance de disposer de prêts à long terme assortis d'une période de grâce permettant un remboursement à partir du moment où le système commencera à générer des flux commerciaux conséquents, n'est plus à démontrer.

Par ailleurs, s'agissant des fonds d'origine publique, il convient de mentionner que plusieurs pays tiers, principalement la Chine, Israël et l'Inde, ont prévu de participer financièrement au programme dans le cadre d'accords de coopération.

Enfin, l'Autorité de Surveillance pourra utiliser les fonds destinés au financement des actions de recherche et de développement technologique dans les domaines associés à la radionavigation par satellite et à ses multiples applications, notamment pour moderniser et améliorer constamment le système.

### 5.3 Modalités de mise en œuvre

La création de l'Autorité de Surveillance et la gestion par cette Autorité des fonds alloués au programme européen de radionavigation par satellite constituent une forme d'externalisation qui va dans le sens de la politique de simplification des modes de gestion que s'est fixée la Commission.

L'Autorité de Surveillance a été créée par le règlement du Conseil n° ___/2004 du ___ 2004 sur les structures de gestion du programme européen de radionavigation par satellite. Elle sera mise en place durant la première moitié de l'année 2005.

Elle a pour objet d'assurer la gestion des intérêts publics relatifs aux programmes européens de radionavigation par satellite et de jouer le rôle d'autorité concédante à l'égard du futur concessionnaire. Parmi ses missions figurent la gestion des fonds publics alloués aux programmes européens de radionavigation par satellite ainsi que le suivi de la gestion financière de ces programmes afin d'optimiser l'utilisation des fonds publics.

En outre, l'Autorité de Surveillance exécutera les tâches budgétaires qui lui seront confiées par la Commission conformément aux dispositions de l'article 54 (2) (b) du règlement financier applicable au budget de la Communauté européenne.

Il importe de souligner qu'afin de permettre à l'Autorité de Surveillance de mener à bien ses missions, son Conseil d'Administration, composé de représentants des Etats membres et de la Commission, a reçu des pouvoirs étendus pour établir le budget, en contrôler l'exécution, approuver le programme de travail, adopter les mesures financières adéquates et mettre en place des procédures transparentes de prise de décision. Par ailleurs, les activités de l'Autorité de Surveillance sont soumises au contrôle de la Cour des comptes.

## 6. INCIDENCE FINANCIÈRE

### 6.1 Incidence financière totale sur la partie B (pour toute la période de programmation)

La contribution communautaire affectée au programme européen de radionavigation par satellite sera octroyée à l'Autorité de surveillance Galileo qui assurera la gestion et le contrôle de l'utilisation des fonds. Le financement prendra la forme d'une subvention au budget de l'Autorité de surveillance Galileo, conformément aux dispositions de l'article 2 e) du règlement n° ___/2004.

*6.1.1 Intervention financière*

Crédits d'engagement en millions d'euros *(à la 3$^e$ décimale)*

| Ventilation | Année 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 - 2013 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Action 1<br><br>(Phase de déploiement 2006-2007[24]) | 500 | | | | | | 500 |
| Action 2<br><br>(Phase d'exploitation à partir de 2008) | | 200 | 150 | 100 | 50 | | 500 |
| **TOTAL** | 500 | 500 | | | | | 1.000 |

*6.1.2 Assistance technique et administrative (ATA), dépenses d'appui (DDA) et dépenses TI (crédits d'engagement)*

**6.2. Calcul des coûts par mesure envisagée en partie B (pour toute la période de programmation)[25]**

Les conventions de financements seront conclues entre la Commission, agissant au nom de la Communauté, et l'Autorité de surveillance Galileo. Le montant de chaque convention annuelle sera déterminé sur la base du programme de travail de l'Autorité de surveillance approuvé par son Conseil d'administration, conformément à la procédure prévue par l'article 6 du règlement XXXX. Les termes de ces conventions stipulent en particulier les conditions générales de la gestion des fonds confiés à l'Autorité de surveillance.

## 7. INCIDENCE SUR LES EFFECTIFS ET LES DÉPENSES ADMINISTRATIVES

*Non applicable*

---

24 Compte tenu des financements déjà prévus par les actuelles perspectives financières (130 million d'euro) pour la première année de la phase de déploiement (2006), le montant du financement, pour la deuxième année de ladite phase, supporté par le budget communautaire dans le cadre des nouvelles perspectives financières devrait s'élever à [500] millions d'euros

25 Pour plus d'informations, voir le document d'orientation séparé

## 8. SUIVI ET ÉVALUATION

### 8.1 Système de suivi

Le suivi sera assuré par l'Autorité de Surveillance Galileo. Elle fixera les objectives et les indicateurs au début de chaque année.

(voir point 5.3)

### 8.2 Modalités et périodicité de l'évaluation prévue

L'Autorité de Surveillance, selon les modalités prévues par son Règlement, assurera l'évaluation, la gestion et le contrôle de l'utilisation des fonds communautaire. (voir point 5.3)

## 9. MESURES ANTIFRAUDE

Selon l'article 6 du présent Règlement, les conventions de financement, ainsi que tout contrat ou instrument de mise en œuvre qui en découle, prévoient expressément que la Cour des comptes et l'Office européen de lutte antifraude (OLAF) peuvent, au besoin, procéder à un contrôle sur place.